

# L-ISTUDJI SOĊJALI

## Sillabu għall-Ħames Sena (Ġenerali u *Option*)

**2015-2016**

**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**

## Programm tal-Istudji Soċjali għall-Ħames Sena tas-Sekondarja (Klassijiet Ġenerali u *Option*)

### 1. Razzjonal

Dan il-programm ta' studju jkompli jibni fuq is-sillabu tat-Tielet u r-Raba' Sena tal-Iskola Sekondarja bil-ħsieb li jsaħħaħ il-ħiliet u l-attitudnijiet ċiviċi marbuta mal-ħajja tal-istudenti-ċittadini responsabbli f'soċjetà demokratika. L-Istudji Soċjali għandu jwassal għal għarfien aħjar tal-ħajja soċjali u għal aktar effiċjenza fl-impenn ċiviku. Għarfien soċjali jfisser tagħrif sħiħ tal-aspetti soċjali tal-ħajja tal-bniedem – relazzjonijiet bejn il-bnedmin u bejn dawn u l-ambjent, id-diversità tal-kulturi, il-bixriet fl-imġiba tal-bniedem li jista' jinfluwenza d-direzzjoni tas-soċjetà lejn futur aħjar. L-effiċjenza ċivika, mill-banda l-oħra, hi msejsa fuq dawk il-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet li jnisslu fl-individwu l-motivazzjoni meħtieġa biex jipparteċipa b'mod attiv fil-ħajja tal-komunità.

### 2. Oġġettivi

L-għanijiet ta' dan is-sillabu huma dawn li ġejjin:

1. Jagħti tagħrif korrett u aġġornat fuq ġrajjiet u proċessi soċjali li jkunu qed iseħħu fis-soċjetà kontemporanja u li jkunu ta' interess għall-istudenti;
2. Jintroduċi, ifiehem u japplika kunċetti tal-Istudji Soċjali bażiċi;
3. Jiżviluppa fl-istudenti il-ħiliet ta' osservazzjoni, investigazzjoni u interpretazzjoni;
4. Inissel fl-istudenti sens ta' parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, rispett lejn id-drittijiet tal-oħrajn u apprezzament ta' kulturi differenti;
5. Jikkultiva għarfien kritiku dwar żviluppi riċenti f'kuntest lokali, Ewropej u internazzjonali u
6. Jgħin lill-istudenti biex japplikaw oqsma ta' għerf fil-ħajja personali tagħhom.



**3. Strateġiji**

L-għalliem għandu jippreżenta l-lezzjonijiet b'mod stimulanti u interessanti biex l-istudenti jifhmu aħjar il-kunċetti li jkunu qegħdin jiġu spjegati. Jeħtieġ ukoll li fix-xogħol li jingħata lill-istudenti jinżamm bilanċ bejn il-komponenti differenti, li huma:

1. *Għerf u fehma*

Waqt il-kors tal-Istudji Soċjali l-istudenti jiġu mħarrġa biex:

- Juru għarfien u fehma dwar *issues* soċjali kontemporanji, b'mod partikolari fejn jirrigwarda s-soċjetà Maltija f'kuntest Ewro-Mediterranju u globali;
- Juru l-fehma tagħhom dwar kif is-soċjetajiet jiżviluppaw permezz tal-interazzjoni bejn l-istituzzjonijiet soċjali u l-imġiba tal-bniedem u
- Juru fehma dwar kunċetti, ideat u prinċipji tal-Istudji Soċjali u kif dawn jistgħu jiġu applikati fil-ħajja personali tagħhom.

2. *Ħiliet*

Waqt il-kors tal-Istudji Soċjali l-istudenti jiġu mħarrġa biex:

- Japplikaw l-għerf tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' ħajja reali;
- Jinterpretaw dejta, kemm miktuba u/jew grafika u
- Jippreżentaw argument loġiku bl-użu tat-terminoloġija korretta.

3. *Valuri u attitudnijiet*

Waqt il-kors tal-Istudji Soċjali l-istudenti jiġu mħarrga biex:

- Juru li huma konxji dwar *issues* li jikkonċernaw l-inugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll dwar diskriminazzjoni politika, reliġjuża u razzjali;
- Juru kif opinjonijiet u valuri differenti jaffettwaw il-ħajja tagħna ta' kuljum f'soċjetà multikulturali u
- Juru rispett u solidarjetà lejn is-soċjetà sħiħa.



**4. X’Se Ngħallmu?**

Qed jiġu proposti diversi temi b’implikazzjonijiet soċjali. Il-firxa wiesgħa ta’ dawn it-temi jew aħjar, *issues*, hi maħsuba għall-klassijiet ġenerali u għal dawk li jieħdu l-Istudji Soċjali bħala suġġett speċjali, kif indikat fis-sillabu. It-temi f’dan is-sillabu għandhom iservu ta’ tħejjija għall-eżami taċ-ĊES fl-aħħar tal-kors sekondarju u għaldaqstant huma relatati mas-sillabu tal-Istudji Ambjentali (fil-każ tal-Klassijiet Ġenerali) u tal-Istudji Soċjali (fil-każ tal-Klassijiet *Option*) taċ-ĊES.

# SOCiAL STUDiES

**IL-ĦAMES SENA SEKONDARJA (KLASSIJIET ĠENERALI)**

**TEMI: Sitwazzjonijiet Soċjali jew *Issues* li l-istudenti f'dan il-livell huma mistennija li jiddiskutu**:

| Tema | Noti | Riżultati fil-Mira | Referenza |
|---|---|---|---|
| **1. Malta fl-Unjoni Ewropea** | • L-oriġini tal-Unjoni Ewropeja (UE).<br>• L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea: il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ministri.<br>• Ħarsa lejn l-iżvilupp politiku u ekonomiku ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. | • Jispjegaw kif żviluppat l-Unjoni Ewropea u janalizzaw ir-raġunijiet ewlenin għat-twaqqif tagħha wara t-Tieni Gwerra Dinjija.<br>• Janalizzaw ir-rwol u l-importanza tal-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE: il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ministri.<br>• Janalizzaw ir-rwol tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u kif dawn jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku, politiku u soċjali ta' din l-organizzazzjoni supranazzjonali.<br>• Juru li huma aġġornati ma' fatti li qed jiġru madwarhom b'rabta mal-Unjoni Ewropea.<br>• Jispjegaw ir-rwol ta' Malta bħala Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.<br>• Janalizzaw il-bidliet ewlenin li seħħew f'Malta minn mindu din saret Stat Membru tal-UE. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Ambjentali: Tema 6 – It-Tmexxija ta' Nazzjon (Malta fl-Unjoni Ewropea)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | • Janalizzaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li Malta għandha bħala Stat Membru tal-UE. | |
| **2. Lejn Żvilupp Sostenibbli** | • Definizzjoni ta' żvilupp sostenibbli.<br>• Il-vantaġġi ta' żvilupp sostenibbli fejn jikkonċerna l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà ta' pajjiż.<br>• X'nistgħu nagħmlu biex ikollna żvilupp sostenibbli?<br>• L-impatt tal-industrija tal-kostruzzjoni fuq l-ambjent.<br>• Ir-rwol tal-Istat, il-MEPA u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) biex f'pajjiżna jkun hemm żvilupp sostenibbli.<br>• Kif iż-żgħażagħ f'Malta jistgħu jadottaw stil ta' ħajja li jkun iżjed sostenibbli. | • Juru li fehmu x'inhu żvilupp sostenibbli permezz ta' eżempji mill-ħajja ta' kuljum.<br>• Jispjegaw il-vantaġġi ta' żvilupp sostenibbli biex ikollna kwalità ta' ħajja aħjar.<br>• Jużaw it-teorija dwar l-iżvilupp sostenibbli u japplikawha għal esperjenzi personali sabiex juru kif jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv lejn żvilupp sostenibbli.<br>• Jispjegaw u janalizzaw x'inhuma jagħmlu l-Istat, il-MEPA u diversi NGOs biex f'Malta jkun hawn żvilupp sostenibbli.<br>• Juru kif iż-żgħażagħ fis-soċjetà kontemporanja qed jadottaw stil ta' ħajja sostenibbli. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Ambjentali: Tema 2 – L-Immaniġġjar tar-Riżorsi (Żvilupp Sostenibbli)** |
| **3. Ngħixu f'Dinja Globalizzata** | • Definizzjoni ta' globalizzazzjoni: l-indipendenza kontra l-interdipendenza tal-pajjiżi.<br>• Aspetti differenti ta' globalizzazzjoni (ekonomika, teknoloġika, soċjali, u kulturali).<br>• L-effetti pożittivi: is-solidarjetà internazzjonali, il-kummerċ ħieles u l- | • Juru xi tfisser globalizzazzjoni.<br>• Jispjegaw aspetti differenti ta' globalizzazzjoni.<br>• Janalizzaw l-effetti pożittivi u negattivi tal-globalizzazzjoni fuq l-ekonomija u s-soċjetà. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 4 – Żvilupp u Bidla (Il-Globalizzazzjoni)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | protezzjoniżmu, sforzi lejn kummerċ ġust, tkattir kulturali, il-mass midja globali, il-flessibbiltà ta' kumpaniji transnazzjonali (multinazzjonali).<br>• L-effetti negattivi: ix-xogħol minn tfal minorenni u *sweatshops*, it-tqassim mhux indaqs tal-ġid, id-dejn internazzjonali, il-*brain drain*, id-degradazzjoni ambjentali, theddid għall-identità nazzjonali u s-sovranità, il-monopolji ta' kumpaniji transnazzjonali, kummerċ mhux ġust.<br>• Organizzazzjonijiet dinjija li jippromwovu l-paċi (il-Ġnus Magħquda, il-*Commonwealth*). | • Jiddiskutu u jispjegaw ir-rwol tal-Ġnus Magħquda u l-*Commonwealth* biex jippromwovu l-paċi fid-dinja. | |
| **Reviżjoni għall-Eżami taċ-ĊES 2016** | | | |

# SOCIAL STUDIES

**IL-ĦAMES SENA SEKONDARJA (KLASSIJIET *OPTION*)**

**TEMI: Sitwazzjonijiet Soċjali jew *Issues* li l-istudenti f'dan il-livell huma mistennija li jiddiskutu**:

| Tema | Noti | Riżultati fil-Mira | Referenza |
|---|---|---|---|
| **1. Il-Ġeneru** | • Definizzjoni ta' ġeneru; id-differenza bejn sess u ġeneru; ir-rwoli differenti tas-sessi li qed jinbidlu fis-soċjetà.<br>• L-ugwaljanza u n-nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi; il-ġeneru u l-faqar; id-diskriminazzjoni bejn is-sessi (pożittiva u negattiva).<br>• Il-ġeneru u r-reliġjon; ir-rwol tan-nisa b'referenza speċifika lejn il-Kristjaneżmu u l-Islam.<br>• Il-femminiżmu u l-moviment femminista.<br>• Il-familja u t-trobbija tal-ulied; il-lîv tal-maternità u tal-ġenituri; iċ-ċentri ta' kura tat-tfal; in-nisa u l-vjolenza domestika.<br>• In-nisa u x-xogħol; l-edukazzjoni, il-progress fil-karriera u t-teħid ta' deċiżjonijiet.<br>• Ir-rwol tal-mara fil-politika Maltija.<br>• Organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali li jipprovdu appoġġ | L-istudenti<br>• Jifhmu x'inhu ġeneru u juru d-differenza bejn ġeneru u sess.<br>• Jispjegaw kif ir-rwoli bejn is-sessi qed jinbidlu fis-soċjetà kontemporanja.<br>• Jiddiskutu l-ugwaljanza u n-nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi billi jagħtu eżempju mill-ħajja ta' kuljum.<br>• Jispjegaw kif ir-reliġjon taffettwa l-ġeneru.<br>• Jiddiskutu l-progress li sar fid-drittijiet indaqs bejn il-mara u r-raġel fis-soċjetà.<br>• Janalizzaw il-progress li sar biex il-membri tal-familja jilħqu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-familja u biex il-mara tkun tista' tkompli bil-karriera tagħha.<br>• Jiddiskutu fatturi li għadhom jolqtu b'mod negattiv lill-mara, pereżempju, il-vjolenza domestika. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 3 – *Issues* Soċjali (Il-Ġeneru)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | soċjali u/jew ekonomiku lin-nisa (organizzazzjonijiet tal-Istat u tal-Knisja f'Malta; il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa; l-Assoċjazzjoni tan-Nisa fin-Negozju; il-Kunsill għall-Avvanz tal-Mara; l-Organizzazzjoni Dinjija dwar ix-Xogħol; il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi). | • Jispjegaw il-kontribut li tat u li qed tagħti l-mara f'Malta fil-qasam tal-politika u s-soċjetà.<br>• Jiddeskrivu r-rwol li għandhom ċerti organizzazzjonijiet jew għaqdiet li jaħdmu favur l-avvanz tal-mara fis-soċjetà. | |
| **2. Forom ta' Żvilupp** | • Definizzjoni ta' żvilupp.<br>• Tipi ta' żvilupp (ekonomiku, soċjali, ambjentali, teknoloġiku).<br>• Żvilupp ekonomiku: id-differenza bejn il-livell tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja; il-karatteristiċi ta' pajjiżi bi dħul għoli, medju u baxx; il-qasma bejn in-Nord u s-Sud fid-dinja; il-Prodott Gross Domestiku (GDP), il-*Human Development Index* (HDI).<br>• Żvilupp soċjali: l-iżvilupp tat-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti, l-iżvilupp tal-komunità.<br>• Żvilupp ambjentali (aspetti pożittivi u negattivi): l-iżvilupp tal-art (rurali u urban), l-iżvilupp ekoloġiku.<br>• Żvilupp teknoloġiku (avvanzi fl-ICT u t-teknoloġija medika). | • Juru xi jfisser it-terminu żvilupp u liema huma t-tipi differenti ta' żvilupp.<br>• Jiddiskutu l-karatteristiċi tal-iżvilupp ekonomiku u janalizzaw id-differenzi li jeżistu bejn pajjiżi li huma ekonomikament avvanzati u oħrajn li għadhom f'livell ta' faqar.<br>• Juru xi jfissru Prodott Gross Domestiku u *Human Development Index*.<br>• Jiddiskutu l-karatteristiċi ewlenin tal-iżvilupp soċjali u ambjentali.<br>• Jiddiskutu l-effetti li ġab miegħu l-iżvilupp teknoloġiku fuq is-soċjetà u l-ekonomija ta' pajjiż, inkluż Malta. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 4 – Żvilupp u Bidla (Forom ta' Żvilupp)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **3. Żvilupp Sostenibbli** | • Id-definizzjoni ta' żvilupp sostenibbli.<br>• Metodi li jwasslu għal żvilupp sostenibbli (*reduce*, *reuse*, *recycle*).<br>• L-immaniġġjar tal-iskart: metodi ta' disponiment (l-immaniġġjar tal-iskart integrat, il-miżbliet, l-inċinerazzjoni); edukazzjoni u għarfien.<br>• It-tniġġis: forom ta' tniġġis (tal-arja, dawl, skart, ħsejjes, viżwali, radjuattiv, ilma, termali, kontaminazzjoni tal-ħamrija, xita aċiduża); sorsi u kawżi ta' tniġġis; effetti ta' tniġġis fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; l-immaniġġjar ambjentali (il-kontroll tal-emissjonijiet u l-effluwenti fl-arja, l-ilma u l-ħamrija).<br>• L-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali: il-qerda ta' riżorsi naturali limitati (pereżempju, id-deforestazzjoni, barrieri u minjieri kbar, il-qerda ta' art agrikola).<br>• It-tisħin globali: il-kawżi tat-tisħin globali, sforzi biex jiġi kkontrollat it-tisħin globali, aktar użu tat-trasport pubbliku, l-enerġija li tiġġedded, sistemi aktar effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ, iż-żamma ta' vetturi f'kundizzjoni tajba. | • Jifhmu x'inhu żvilupp sostenibbli.<br>• Japplikaw it-teorija soċjoloġika f'kuntesti reali biex jiddiskutu metodi li jwasslu għal żvilupp sostenibbli u kif l-iskart jista' jiġi mmaniġġjat b'mod effettiv.<br>• Janalizzaw tipi differenti ta' tniġġis u jiddiskutu kif huma jistgħu jikkontribwixxu biex jitnaqqas il-livell ta' tniġġis fid-dinja.<br>• Jispjegaw kif jista' jkun hemm aktar użu sostenibbli tar-riżorsi naturali.<br>• Juru xi jfisser tisħin globali u janalizzaw l-effetti li dan qed iġib miegħu fuq l-ambjent, il-ħajja tagħna u l-mod kif ngħixu.<br>• Jiddiskutu metodi differenti dwar kif aħna bħala ċittadini nistgħu ngħinu biex jonqos l-effett negattiv tat-tisħin globali.<br>• Jiddiskutu l-kontribuzzjoni ta' Malta għall-kontroll tat-tisħin globali. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 4 – Żvilupp u Bidla (Żvilupp Sostenibbli)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | • Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-kontroll tat-tisħin globali (il-Protokoll ta' Kjoto, is-sussidji tal-gvern għal enerġija alternattiva); il-Miri ta' Żvilupp tal-Millenju (MDG's) – is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ikel u l-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb. | | |
| **4. Il-Popolazzjoni** | • Definizzjoni ta' demografija; xejriet fir-rati tat-twelid u l-mewt. Iż-żieda jew it-tnaqqis naturali fil-popolazzjoni; l-importanza taċ-ċensiment tal-popolazzjoni.<br>• L-isplużjoni tal-popolazzjoni fis-sekli 20 u 21 u l-effetti tagħha fuq il-pajjiżi żviluppati (pereżempju, il-popolazzjonijiet li qed jixjieħu) u dawk li qed jiżviluppaw (il-popolazzjonijiet li għadhom żgħar).<br>• Il-mobbiltà fil-popolazzjoni; temporanja jew permanenti, relatata max-xogħol jew residenza, fatturi li jwasslu għall-mobbiltà fil-popolazzjoni (trasport u edukazzjoni ta' kwalità aħjar kif ukoll żviluppi teknoloġiċi).<br>• Il-migrazzjoni (l-immigrazzjoni, l-emigrazzjoni, it-transmigrazzjoni u l-migranti li jirritornaw lejn pajjiżhom). | • Juru xi tfisser demografija u jispjegaw ir-raġunijiet ewlenin li jwasslu għal żieda jew tnaqqis fil-popolazzjoni.<br>• Jispjegaw l-effetti li ż-żieda jew it-tnaqqis fil-popolazzjoni ġġib fuq il-pajjiżi tad-dinja u s-soċjetà ġenerali.<br>• Jispjegaw il-fatturi u r-raġunijiet li jwasslu biex persuni jiċċaqalqu minn pajjiż għal ieħor u jiddiskutu l-effetti ta' dan iċ-ċaqliq.<br>• Juru d-differenza bejn emigrazzjoni, immigrazzjoni u transmigrazzjoni billi jagħtu eżempji minn xenarji reali.<br>• Jispjegaw tipi differenti ta' migrazzjoni u x'inhu jsir f'diversi pajjiżi tad-dinja, inkluż Malta, biex il-migranti jiġu integrati fis-soċjetà dominanti. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 4 – Żvilupp u Bidla (Il-Popolazzjoni)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | • Tipi differenti ta' migrazzjoni: interna u esterna, sfurzata jew volontarja, legali u illegali, l-integrazzjoni tal-migranti, iċ-ċentri ta' detenzjoni, persuni li qed ifittxu ażil jew stat ta' refuġjat.<br>• L-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetà (il-*Jesuit Refugee Service*, il-Kummissjoni Għolja tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjati).<br>• Il-*push* u l-*pull factors* tal-migrazzjoni.<br>• L-urbanizzazzjoni: il-vantaġġi (opportunitajiet ta' xogħol, edukazzjoni u faċilitajiet tas-saħħa aħjar, kif ukoll infrastruttura ta' livell ogħla) u l-iżvantaġġi (il-konġestjoni tat-traffiku u t-tniġġis, l-istress ambjentali u soċjali, u problemi ta' akkommodazzjoni); l-iżvilupp urban u d-densità tal-popolazzjoni. | • Jiddiskutu l-effetti li l-migrazzjoni ġġib magħha fuq pajjiżi differenti.<br>• Juru xi tfisser urbanizzazzjoni u jispjegaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha. | |
| **5. Il-Globalizzazzjoni** | • Definizzjoni ta' globalizzazzjoni: l-indipendenza kontra l-interdipendenza tal-pajjiżi.<br>• Aspetti differenti ta' globalizzazzjoni (ekonomika, teknoloġika, soċjali, u kulturali).<br>• L-effetti pożittivi: is-solidarjetà internazzjonali, il-kummerċ ħieles u l- | • Juru xi tfisser globalizzazzjoni.<br>• Jispjegaw aspetti differenti ta' globalizzazzjoni.<br>• Janalizzaw l-effetti pożittivi u negattivi tal-globalizzazzjoni fuq l-ekonomija u s-soċjetà. | **Sillabu taċ-ĊES Studji Soċjali: Taqsima 4 – Żvilupp u Bidla (Il-Globalizzazzjoni)** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | protezzjoniżmu, sforzi lejn kummerċ ġust, tkattir kulturali, il-mass midja globali, il-flessibbiltà ta' kumpaniji transnazzjonali (multinazzjonali).<br>• L-effetti negattivi: ix-xogħol minn tfal minorenni u *sweatshops*, it-tqassim mhux indaqs tal-ġid, id-dejn internazzjonali, il-*brain drain*, id-degradazzjoni ambjentali, theddid għall-identità nazzjonali u s-sovranità, il-monopolji ta' kumpaniji transnazzjonali, kummerċ mhux ġust.<br>• Organizzazzjonijiet dinjija li jippromwovu l-paċi (il-Ġnus Magħquda, il-*Commonwealth*). | • Jiddiskutu u jispjegaw ir-rwol tal-Ġnus Magħquda u l-*Commonwealth* biex jippromwovu l-paċi fid-dinja. | |
| **Reviżjoni għall-Eżami taċ-ĊES 2016** | | | |

# SOCIAL STUDIES

Social Studies



**5. Metodoloġija**

Kull tema għandha tiġi żviluppata b'mod dettaljat u ppreżentata b'mod li tgħin lill-istudenti jifhmuha aktar. Għal dan il-għan, tista' titħaddem din il-proċedura:

1. Preżentazzjoni tat-tema.
2. Tifsir tat-tema fejn l-emfasi jkun fuq l-implikazzjonijiet soċjali, il-kunċetti soċjoloġiċi u l-proċessi soċjali.
3. Eżempji ta' **Informazzjoni, Ħiliet** u **Attitudnijiet** marbutin mat-tema u li huma mistennija mill-istudenti f'dan il-livell tal-kors sekondarju. L-għalliema għandhom jaraw li jilħqu dawn it-tliet oġġettivi (**Għarfien, Ħiliet** u **Attitudnijiet**) fil-lezzjonijiet li jkunu qed jittrattaw it-tema.
4. Minn żmien għal żmien u b'mod regolari, għandha ssir valutazzjoni tal-kontenut (jiġifieri, kemm għadu rileventi għall-istudenti) u tal-pedagoġija li tintuża.

### 6. L-Użu ta' Riżorsi Differenti u l-ICT

It-tagħlim tal-Istudji Soċjali jsir aktar interessanti u rilevanti għall-istudenti meta l-għalliem jagħmel użu minn riżorsi ta' tagħlim differenti Fost dawn wieħed jista' jsemmi:

1. Riżorsi viżivi, bħal stampi, *cartoons* u *video-clips* li jkunu jiffukaw fuq temi partikolari;
2. *Power-point presentations* li jistgħu jsiru kemm mill-għalliem kif ukoll mill-istudent;
3. Sorsi minn gazzetti, rivisti u kotba adattati (lokali u/jew barranin) u
4. Websajts lokali u barranin.

Id-dinja tal-internet u l-kompjuter hija d-dinja tal-istudent tal-lum. Għalhekk, l-*interactive whiteboard* u l-internet fil-klassi huma meqjusa bħala għodda importanti fit-tagħlim tal-Istudji Soċjali.

### 7. Oġġettivi għall-Assessjar

L-assessjar għandu jittestja kemm l-istudenti jkunu kapaċi:

1. Jesprimu b'mod kreattiv fatti li jolqtu s-soċjetà Maltija f'kuntest Ewro-Mediterranju u internazzjonali;
2. Janalizzaw u jinterpretaw informazzjoni u dejta li tingħata lilhom f'sorsi differenti jew permezz ta' statistika;
3. Jużaw it-terminoloġija korretta li tapplika għall-Istudji Soċjali;
4. Japplikaw it-teorija soċjoloġika u l-ħiliet rilevanti f'kuntest prattiku u fil-ħajja personali tagħhom u
5. Juru li huma aġġornati ma' dak kollu li qed jiġri madwarhom kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment.



L-Assessjar fl-Istudji Soċjali jista' jkun:

1. **Summattiv**: l-istudenti jagħmlu tipi differenti ta' eżerċizzji bħal *homework*, testijiet u eżamijiet biex jitkejjel il-livell ta' suċċess li huma jkunu kisbu f'parti partikolari ta' dan il-programm. Dan it-tip ta' assessjar jagħti indikazzjoni fejn l-istudent jista' jtejjeb l-għerf, il-ħiliet u l-attitudnijiet tiegħu. Il-Linji Gwida tal-Istudji Soċjali, 2015-2016 (Ġenerali u *Option*) jispjegaw kif il-karti tal-eżamijiet annwali ta' dan is-suġġett jiġu mfassla.

Ix-xogħol li jingħata lill-istudenti għad-dar (*homework*) għandu jkun:

1. fuq bażi regolari u jkun rilevanti għal dak li huma jkunu tgħallmu;
2. varjat kemm jista' jkun (komponimenti, *source questions*, *objective questions*, eċċ);
3. differenzjat skont il-ħiliet differenti tagħhom;
4. rilevanti mal-Iskema tax-Xogħol u integrali għat-tagħlim tas-suġġett, u
5. il-korrezzjoni tax-xogħol tforni appoġġ pożittiv u formattiv għall-istudenti, filwaqt li tindika fejn l-istudent jista' jtejjeb il-ħiliet tiegħu.

2. **Formattiv**: l-istudenti jagħmlu eżerċizzji jew attivitajiet differenti li jgħinuhom jikbru u jiżviluppaw soċjalment u psikoloġikament. L-Istudji Soċjali huwa kors dwar is-soċjetà, għalhekk l-għalliem għandu jinkoraġġixxi attivitajiet li jinvolvu l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti. Fost dawn hemm ir-*role play*, xogħol fi gruppi, *pair work*, u preżentazzjonijiet li jsiru mill-istudenti għall-istudenti. Dawn l-attivitajiet jistgħu jsiru mhux biss fil-klassi, iżda wkoll waqt *school assemblies*, funzjonijiet reliġjużi/ekumeniċi, *concerts*, attivitajiet tal-iskola, kif ukoll barra mill-iskola. L-assessjar formattiv jgħin lill-istudenti biex jitgħallmu jorganizzaw ruħhom, jaħdmu fi gruppi, jittolleraw l-ideat ta' xulxin, ikunu kapaċi jieħdu deċiżjoni, jikkomunikaw mal-oħrajn u jirriflettu fuq dak li jkunu għamlu huma stess. Fuq kollox, dan it-tip ta' assessjar jgħin lill-istudenti biex ikunu ċittadini attivi fis-soċjetà tagħhom.

Qasam importanti ieħor ta' assessjar formattiv huma l-attivitajiet li jseħħu barra mill-iskola. Żjajjar f'istituzzjonijiet rilevanti, bħalma huma l-Qorti, il-Parlament u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fost oħrajn, jagħtu lill-istudenti esperjenza unika dwar kif l-istituzzjonijiet ewlenin tal-pajjiż jiffunzjonaw f'soċjetà demokratika. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti fi proġetti bejn l-iskejjel għandha ċertament tiġi mħeġġa.

## 8. Referenzi Importanti

Baldacchino, G. (2011). *Ninvestigaw is-Soċjetà*. Malta: Agenda Publishers
Ċentru Fidi u Ġustizzja (2003). *Ibda Għix fid-Dinja- Ġabra ta' Informazzjoni u Attivitajiet dwar Problemi Soċjali*. Malta: Offset Press Ltd.
Chircop, B. (Ed.) (2011). *Studji Soċjali – Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjetà*. Malta: BDL Publications
Gatt, A. (2008). *Ekwopedja*. Malta: Outlook Coop.

## 9. Qari Addizzjonali

Cutajar, J. & Cassar, G. (Eds.) (2009). *Social Transitions in Maltese Society*. Malta: Agenda.
Fiehn, T., Fiehn, J. & Miller, A. (2006). *Citizenship Studies for Key Stage 4 and GCSE*. London: Hodder Murray.
JRS Malta (2005). *Saħħa fid-Diversità - Riżorsi għall-Għalliema*. Malta: JRS Malta.
Macionis, J.J. and Plummer, K. (2008). *Sociology - A Global Introduction* (3rd edition). Pearson Education Ltd.
Moore, S. (2001). *Sociology Alive* (3rd edition). Gloucestershire: Nelson Thornes.
Wales, J. (2009). *Citizenship Today*. London: Harper Collins Publishing.

## 10. Kuntatt

Curriculum Centre Annexe,
Sarria Street,
Floriana FRN 1460,
Malta.
Tel. 2598 2608
Websajt: www.curriculum.gov.mt

**11. Awtur:** George Said Zammit (Eks Uffiċċjal Edukattiv tal-Istudji Soċjali - Sekondarja)
**Rivedut minn:** Astrid J. Tonna, Lana Turner, Anthony Borg, Therese Vella, Brian Chircop (Kapijiet tad-Dipartiment tal-Istudji Soċjali)